GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħat Nru. 27 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 9 ta’ Novembru, 2010, fis-1.00pm.

| **<u>Preżenti</u>** | **<u>Il-Membri</u>** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji a) Petty Cash Ottubru 2010;

   b) Skeda ta’ Ħlas Ottubru 2010.
5. Attivitajiet tal-Milied;
6. GAL Xlokk
7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

## 1. Minuti

Il-Minuti tas-Seduti Nru 26 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Tagħrif mill-Minuti

Dwar item 4 il-Kunsill irċieva tlett kwotazzjonijiet għat-tiżjin tal-Milied. Tnejn minnhom dik tal-Għaqda Marija Annunzjata Tarxien b'offerta ta' €750, kif ukoll tal-Għaqda Mużikali Santa Marija, Għaxaq b'offerta ta' €800, waslu fil-ħin u l-oħra mingħand l-Għaqda Mużikali San Ġużepp, Għaxaq b'offerta ta' €800, waslet ħamest ijiem wara. Wara diskussjoni dwar l-offerta li waslet tard il-Kunsill qal li jrid jimxi mal-proċeduri tal-liġijiet tal-Kunsilli u ma tistax tiġi kkunsidrata.
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill kienet li jilqa' l-offerta tal-Għaqda Mużikali Santa Marija għalkemm hemm differenza minima ta €50 mill-offerta l-oħra, minħabba li l-Kunsill kien kuntent bis-servizz li l-Għaqda Santa Marija wettqet is-sena l-oħra. Il-Kunsill qabel.

Dwar 5.1 is-Segretarju qalet li l-Kunsill irċieva ittra mingħand R & C Bezzina, fejn ikkonfermaw li l-knis madwar ir-raħal qed isir bi tlett kenniesa kif hemm fil-kuntratt, u taw spjegazzjoni kif qed jaħdmu. Is-Segretarju qrat l-ittra.

Dwar is-suġġett ta' l-iskart, is-Sur Abdilla qal li Bir-id-Deheb hemm problema fejn il-boroż tal-iskart li qabel kienu jintremgħu fl-iskips xorta qegħdin jitpoġġew fejn kien hemm l-iskip.
Is-Sindku qal li se jordna *green wardens* biex jiġu jduru biex ħadd ma' jitfa' boroż tal-iskart fil-postijiet fejn kien hemm l-iskips. Il-Kunsill qabel.
Is-Sindku żied jgħid li tal-*Green Pak* il-kumpanija li qed tissupplixxi l-iskips tal-*Bring- in- Sites* kienet qed iddur tieħu r-ritratti kmieni filgħodu u dawk li kellhom il-boroż griżi ngħataw baskett li kien fih diversi affarijiet.

Dwar 5.4, intbagħatet *e-mail* lis-Sur Mark Musu' dwar servizz tas-*social services* li jista' jingħata mill-Kunsill. Is-Sur Musu' nforma li jkun hemm il-ħtieġa li jsir xi forma ta' taħriġ biex dan ikun jista' jsir iżda qabel dan isir bħalissa qiegħed isir proġett pilota fuq l-istess ħaġa l-Kunsill tal-Gudja. Is-Sur Musu' ser jinfurmana aktar tard dwar x'ser isir.

Dwar ir-Rapport li sar mill-Perit tal-Kunsill is-Sur Marvin Ellul, is-Segretarju qalet li ser tressaq il-kontijiet tas-Sur Ellul għall-approvazzjoni. Wara li l-Viċi Sindku qara il-ħlasijiet dovuti lill-Perit, il-Kunsill approvahom.

Is-Segretarju qalet li r-Rapport tal-SEAP li sar mil-*Econing Engineering* għalkemm kien ġie diskuss kien għadu ma ġiex approvat għalhekk tixtieq li jsir l-approvazzjoni tiegħu mill-Kunsill. Il-Kunsill approvah unanimament. Approva wkoll il-ħlas tar-Rapport.

**3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

1. Mid-Dipartiment fejn infurmawna li ser jiġi organizzat '*Workshop*' għas-Segretarji Eżekuttivi fit-3 ta' Novembru, 2010.
Bagħatu wkoll dwar *Istrina Programmes li ser isiru mil-Malta Community Chest Fund* dawn infurmaw li se jiġu organzzati *tours* għal postijiet ta' nteress.

Dwar Memo 126/2010 – Attivitajiet fil-Lokalitajiet b'risq il-*Malta Community Chest Fund*. Fejn reġgħu bagħatu sabiex ninfurmawhom dwar x'attivitajiet li ser isiru mill-Kunsill. Is-Sindku qal li l-aħjar jorganizzaw *Coffee Morning* id-data tkun jew it-23 jew 30 ta' Novembru. Is-Segretarju qalet li jinħtieġ permess mill-*Gaming Authority* jekk tkun ser issir tombla .

Id-Dipartiment talab wkoll informazzjoni dwar jekk sarx xi progress fir-rigward ta' l-Iskema tal-PPP, fejn ġew infurmati li ma kienx hemm żviluppi li saru.

Infurmaw li fit-8 ta' Novembru, 2010, fit-3:00 p.m., ser isiru laqgħa għas-Sindki ma' l-Onor. C. Said, fejn għaliha attenda s-Sindku. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa l-Onor. Said enfasizza dwar l-attivitajiet li jsiru mill-Kunsilli, semma' wkoll il-*playingfields* u li se jkun hawn spetturi jduru dawn il-*playingfields* biex jaraw hux qegħdin fi stat tajjeb u l-bandli aktar il-quddiem iridu jsiru kollha tal-plastik.

Memo 137/2010 – *Website Clean Up Malta Campaign*, din ġiet imwieġba.
Memo 138/2010 – Kuntratt Ġdid dwar il-Provvista tas-Servizzi tal-Gwardjani Lokali.

2. Mill-A.K.L., fejn irċevejna dwar *Touring Club Malta*, fejn talbu lill-Kunsill jindika jekk għandhux xi post għal Mużew.
Infurmaw ukoll li l-Plenarja ser isir fl-20 ta' Novembru, 2010 u dokumenti annessi. Għal din il-laqgħa ser jattendu s-Sindku u is-Sinjura Rose Agius. Għal din il-laqgħa hemm il-ħlas ta' €50 Euro kull persuna.
Talbu wkoll x'informazzjoni dwar *co-financing fund* tal-Kunsilli Lokali.
Infurmaw li saru xi negozjati mal-*Performance Rights Society* fejn qablu li r-rata tal-ħlas għall-Kunsilli tkun ta' € 36 li jkopru sentejn. Il-Kunsill qabel dwar dan il-ħlas.
Bagħatu wkoll dwar *Training Workshop* li ser isir fix-xahar ta' Novembru, 2010 dwar *HR Management, Energy, Water saving u Finance Legislation.*
Infurmaw dwar il-Karta ta' l-Identita' għall-Kunsillieri, applikazzjoni annessa.
Bagħatu li ser jinħatar kumitat ad hoc sabiex ikun jista' jfassal rapport dwar l-organizzazzjoni t'attivitajiet sportivi mill-AKL, fejn infurmaw li applikazzjonijiet jintlaqgħu sas-26 ta' Novembru, 2010. l-Kunsill qal li jinnomina lis-Sur Angelo Attard.

3. Mill-M.E.P.A. rċevejna dwar Applikazzjonijiet Ġodda ta' Żvilupp Nru. PA 3706/10 għal alterazzjoni fi Triq il-Gibjun.
Applikazzjonijiet Ġodda ta' Żvilupp Nru. PA 4234/10 għal alterazzjonijiet f'permess PA 7293/07 fi Triq iċ-Ċeppun.
Applikazzjonijiet Ġodda ta' Żvilupp Nru. PA 4325/10 għal kostruzzjoni ta' maisonettes fi Triq Ta' Loretu k/m Triq it-Telleritu.
Applikazzjonijiet Ġodda ta' Żvilupp Nru. PA 1762/10 għal alterazzjonijiet f'garaxx fi Triq Dun M.Mallia.
Applikazzjonijiet Ġodda ta' Żvilupp Nru. PA 4537/10 dwar xi tibdil ta' Permess Nru. PA 600/08 fi Triq St.Marija.

4. Mill-OPM, fejn infurmaw li ser isiru *Training Session* għas-Segretarji Ezekuttivi fil-15 ta' Novembru, 2010 il-*Malta University Residence*.
Mill-istess uffiċċju, fejn il-Kunsill talab sabiex isir laqgħa mas-Sur Zarb fir-rigward ta' programmi ta' eskursjonijiet.
Infurmaw ukoll li ser isir *Information Session* fuq il-proġett ta' l-ESF fid- 9 ta' Novembru, 2010, li għaliha ser jattendi R.Dimech. Għal dan il-proġett il-Kunsill qabel li jitħallas depożitu ta €500.

5. Mill-MRRA, fejn infurmaw li hemm sit li jagħmel magħna limiti ta' Ħas Saptan, sabiex jiġi mnaddaf, fejn bagħatu wkoll ir-ritratti ta' dan. Infurmajnihom li ser nieħdu ħsieb li l-*area* titnaddaf. Is-Sindku qal li tinħtieġ gaffa biex isir dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel

6. Mill-MEEF, infurmaw min ser ikunu l-għalliema tal-korsijiet *Lifelong Learning*. Is-Segretarju qalet li dawn il-lezzjonijiet tal-Malta u l-Ingliż bdew.

7. Mit-Transport Malta, fejn infurmaw li f'każ ta' xi diffikulta' jew kjarifikazzjoni dwar xi permessi tista' tinbagħat e-mail fuq roadworks@transport.gov.mt.
Infurmaw ukoll meta jkunu ser jingħalqu xi toroq xi proċeduri jridu jsiru.
Infurmaw li fir-rigward tat-talba li saret għal *road hump* fi Triq J. Gravina, din ġiet approvata.
Approvaw ukoll it-talba li kienet saret mill-Kunsill li Triq Dar il-Bebbux għal '*No Entry Except for Access*' u '*Cul De Sac*'.

8. Mill-ETC, fejn infurmaw li s-Sur Mercieca estendewlhu l-parteċipazzjoni tiegħu b'sitt xhur oħra iżda dan spiċċa minn Ħal Għaxaq.

9. Mill-Greenpak fejn ser iniedu Kampanja bejn Ottubru u Diċembru, 2010, fejn ser jippremjaw xi residenti li jkunu qed jisseparaw l-iskart kif suppost.
Irċevejna wkoll id-*draft* finali tal-*leaflet* li ser jiġi mqassam bieb bieb lin-nies ta' Ħal Għaxaq fir-rigward ta' l-iskart separat flimkien mal-boroż.

10. Mingħand il-WasteServ, fejn riedu li nikkonfermawlhom xi dettalji tal-kuntratturi ta' l-iskart.

11. Mingħand Print Right Ltd. – kwotazzjoni għal mitt *diaries*.

12. Mill-Enemalta u Melita, fejn wieġbu l-ittra tagħna tas-17 t'Awwissu, 2010, dwar xogħolijiet f'diversi toroq ġewwa Ħal Għaxaq. L-Enemalta wieġbu li mhu ser isir l-ebda xogħol filwaqt li l-Melita infurmaw li jrid isir xi xogħol fi Triq St.Marija jibqa' nieżel sa Bir id-Deheb.

13. Mingħand Schembri Infrastructures Ltd., dwar xogħolijiet f'toroq f'Ħal Għaxaq.

14. Mingħand l-Econing, fejn bagħatu l-kont tar-rapport li għamlu tas-SEAP.

15. Mingħand FECC dwar *youth exchange* b'konnessjoni mal-Karnival.

16. Mingħand il-GAL Xlokk infurmaw dwar *ESF courses* għal membri tal-GAL Xlokk. Is-Segretarju qalet li jekk ikollha ċans hi tipprova tattendi għax importanti. Is-Sindku qal li GAL Xlokk issa għandha fondi biex jitqassmu fuq proġetti u qal ukoll li jixtieq japlika għal fondi biex isir il-ġnien u l-bandli. Qal ukoll li minħabba li l-Kunsill għandu permessi tal-MEPA u permessi oħra f'idejh ikun aktar faċli li l-Kunsill japplika.
Is-Sindku qal ukoll li aktarx li l-Kunsill se jiġi mitlub iħallas €100 għal kull Kunsillier biex jintużaw għall-amministrazzjoni.

17. Mingħand il-*Junior Lyceum* ta' St.Lucija, infurmaw dwar l-*Prize Day* biex jingħata ktieb għall-librerija. Il-Kunsill qabel li jinxtara u jingħata ktieb.

18. Mill-Uffiċċju Elettorali nfurmaw li ħareġ ir-reġistru ta' Ottubru, 2010.

19. Mill-Kunsill Lokali Kirkop, infurmaw li ser isir Konferenza dwar *Climate Change and Costal Management*, fis-16 ta' Novembru, 2010, ser jattendi s-Sindku għal Konferenza.

20. Stedina għal Konferenza fid-19 ta' Novembru, 2010, id-Dolmen Hotel, dwar *EU Supported Dolceta* '*Online Consumer Education Project*'. Din ser tattendi għaliha s-Segretarju.

21. Mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal fejn ser jorganizzaw attivita' fl-14 ta' Novembru, 2010 fil-Kastell Verdala bit-tema Niccelebraw Flimkien.

22. Irċevejna e-mail mingħand is-Sinjura Caruana, fejn tablet sabiex isir *sleeping police* fi Triq B'bugia. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lill-ADT dwar din.

23. Mingħand Ms Mallia l-iskrivana, fejn tablet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex ħamest ijiem mill-*leave* jiġu mġedda mal-*leave* tas-sena dieħla. Is-Sindku qal li kienet diġa' ġiet diskussa li *leave* ma jintiritx iżda jekk jintiret irid jittieħed sax-xahar ta' Frar. Ġie deċiż li Ms Mallia tiġi nformata dwar dan.

24. Irċevejna ittra t'Appell għal għajnuna mingħand ħbieb tas-Sur J.C. Azzopardi, fejn infurmaw li ser jitella'; kunċert fil-Kulleġġ De La Salle ġewwa l-Birgu bil-għan li tingħata donazzjoni għat-tifla tiegħu. Il-Kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet għalhekk min irid jagħti xi ħaġa personali.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill :- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet e-mail lill-MEPA, dwar l-oġġezzjoni li l-Kunsill għamel fir-rigward ta' Applikazzjoni PA 958/10.

b) Intbagħatet e-mail lit-Transport Malta dwar l-inċident tat-traffiku li sar f'Awwissu, li għadda, fejn intbagħatet e-mail lill-Uffiċċjal responsabbli sabiex il-bankina li tkissret terġa' ssir mill-ġdid.
E-mail oħra lill-Perit Galea, fejn ġbidna l-attenzjoni li f'Dawret Ħal Għaxaq hemm tlett partijiet li qed iżżomm l-ilma fihom u wkoll infurmajnihom li hemm ħofra kbira ħdejn tat-*tyres*.

c) Intbagħatet e-mail lis-Sur Tabone, fejn infurmajnih bil-qisien ta' Triq Ta' Loretu u Triq il-Ġibjun.
Bagħatna ir-rapport li għamel il-Perit dwar l-Iskema tal-PPP. Is-Sindku qal li l-aħjar niktbu lill-Inġinier Curmi biex ngħarrfuh fejn ser isir it-*tarmac*.
Bagħatna wkoll dwar Memo 24/10 – fejn riedu x'aġġornament dwar dan, fejn infurmajna li ser jitwaħħal ir-*railing* fejn il-*mini-pitch* fil-ġranet li ġejjien.

d) Intbagħatet ittra lis-Sinjuri Bezzina, fejn intalbu għal kjarifika jekk hux qed ikun hawn żewġ jew tlett kenniesa madwar il-lokal.

## 4. Materji Finanzjarji

*4.1.1* *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Ottubru li kienu jammontaw għal €45.67. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'€45.67 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Picco.

*4.1.2* *Skeda ta' Ħlas – Ottubru 2010*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ottubru 2010 u li jammontaw għal €16,617.38. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4. Attivitajiet Tal-Milied

Il-Kunsill qabel li ssir attivita' għat-tfal u l-anzjani tal-komunita' fi żmien il-Milied.

## 5. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

a. Is-Segretarju qalet li hemm il-ħtieġa li jinxtara siġġu għall-uffiċċju kif ukoll set tat-telefon. Qalet ukoll li se tixtri magna ta' l-ilma kiesaħ u sħun u jinxtara ilma fi flixken kbar għax aktar viabbli. Il-Kunsill qabel.

**b.** Is-Sindku qal li ċemplu tal-MEPA fejn infurmah li x'aktarx il-*letter box* li se tinqala' minn Triq St.Marija se titwaħħal mal-ħajt tal-Każin Nazzjonalista fi Triq San Pawl, is-Sindku qal li diġa' hemm żewġ *letter boxes* f'dawn l-inħawi għalhekk ikun aħjar jekk issir ħdejn *Marcham Stationery*. Qal ukoll li jekk nirċievu l-applikazzjoni tal-MEPA noġġezjonaw. Il-Kunsill qabel.

**c.** Is-Sindku qal li *Holistic Computers* qiegħed jagħmel korsijiet tal-kompjuter u jixtieq li l-Kunsill iħallas għall-eżamijiet ta' dawk l-individwi li jagħmlu l-kors. Il-Kunsill qabel li l-aħjar nirreferu għad-Dipartiment dwar korsijiet tal-kompjuters.

**d.** Is-Sur Picco qal li jixtieq li l-Kunsill joħroġ fuljett għaż-żminijiet tal-Milied. Is-Sindku qal li l-Kunsill jibgħat kartolina u dan il-fuljett jista' jitpoġġa u jintbagħat magħha.

**e.** Is-Sinjura Agius qalet li hemm xi tabelli m'arbli li huma mgħawġin biex jittranġaw. Is-Sindku qal li dawn huma tal-kuntrattur u se jiġbidlu l-attenzjoni.

**f.** Is-Sinjura Agius qalet ukoll li fis-*service road* fil-ypass hemm *dealer* li joħroġ il-karozza li għandu għal bejgħ u jieħu l-ispazju tal-*parking*.

**g.** Il-Kunsill qabel li s-Segretarju ġġib kwotazzjonijiet biex tixtri *Laptop.*

**6. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fil- 4.15pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 6 ta' Dicembru 2010 fis-2.00pm.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**<u>Ikkonfermati:- It-Tnejn 6 ta' Dicembru 2010, fis-2.00pm.</u>**